Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10612 – NIS / HIPP)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2022/C 333/13)

1. Fl-24 ta' Awwissu 2022, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 u wara referenza skont l-Artikolu 4(5) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Naftna Industrija Srbije a.d. Novi Sad ("NIS", is-Serbja), ikkontrollata minn PJSC Gazprom ("Gazprom", ir-Russja),

— HIP-Petrohemija LLC Pancevo ("HIPP", is-Serbja), ikkontrollata mir-Repubblika tas-Serbja.

NIS se takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll esklużiv ta' HIPP.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Gazprom hija korporazzjoni tal-enerġija multinazzjonali li hija proprjetà tal-Istat b'maġġoranza Russa. NIS hija kumpanija tal-enerġija integrata vertikalment attiva fir-riċerka, il-produzzjoni u r-raffinar taż-żejt u l-gass naturali, il-bejgħ u d-distribuzzjoni ta' firxa wiesgħa ta' prodotti petroliferi, kif ukoll it-twettiq ta' proġetti fl-oqsma tal-petrokimika u l-enerġitika,

— HIPP hija kumpanija petrokimika attiva fil-produzzjoni u d-distribuzzjoni ta' prodotti bħall-etilen, il-polietilen u l-lastiku sintetiku.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10612 – NIS / HIPP

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.